**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 5 ta' Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Borg)**

**vs**

**Jonathan Ferris**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat in-nota ta' Dottor Joseph Muscat u Michelle Muscatipprezentata fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020, fejn talbu sabiex jigu ammessi bhala partijiet offizi f'dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali.

2. Rat id-digriet moghti fil-11 ta' Novembru 2020 minn din il-Qorti, diversament preseduta, fejn laqghet it-talba, minkejja l-oggezzjoni tad-difiza.

3. Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar 2021, fejn ghar-ragunijiet fih premessi:

    1. laqghet it-talba tal-imputat fir-rikors tieghu tas-17 ta' Novembru 2020 u rrevokat *contrario imperio* d-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, moghti fil-11 ta'

Novembru 2020, fejn laqghet it-talba ta' Dottor Joseph Muscat u Michelle Muscat biex jigu ammessi bhala partijiet offizi f'dawn il-proceduri;

2. irrizervat li tiddeciedi dwar din it-talba ta' Dottor Joseph Muscat u Michelle Muscat maghmula fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020 fi stadju ulterjuri.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti pprezentati, u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u tal-avukat difensur tal-konjugi Muscat dwar it-talba tal-istess konjugi Muscat ipprezentata fil-11 ta' Novembru 2020 sabiex jigu ammessi bhala partijiet offizi f'dawn il-proceduri.

**Il-FATTI**

4. Il-fatti li taw lok ghal din it-talba tal-konjugi Muscat mhumiex kontestati bejn il-partijiet, u in succint huma s-segwenti:

   i. Fl-20 ta' April 2017, il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, Dottor Joseph Muscat u l-mara tieghu Michelle Muscat ghamlu kwerela lill-Kumissarju tal-Pulizija fejn talbuh jinvestiga *"allegazzjonijiet kalunjuzi u ibbazati fuq fabrikazzjoni li qieghdin jidhru fir-Running commentary tas-sinjura Daphne Caruana Galizia u b'dan li llum stess il-Kummissarju tal-Pulizija qieghed jintalab sabiex jinforma lill-Magistrat tal-Ghassa sabiex izomm inkjesta "bl-ingenere"* [sic] *halli jigu ippreservati l-provi ezistenti u jaghti direzzjoni lill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija u l-pariri mehtiega skond il-ligi meta l-istess tigi maghluqa, u dan fis-sens illi:*
   *Il-Prim Ministru jew membri tal-familja tieghu jew politically exposed persons ohra setghu kienu nvoluti f'xi forma ta' korruzzjoni u/jew hasil ta' flus kif dettaljat fl-istess artikolu."*[1]

   ii. B'rapport verbali maghmul dak-in-nhar stess, u ikkonfermat bil-miktub b'rapport ipprezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 t'April 2017, il-

[1] Ara fol. 1504 tal-atti tal-inkjesta Egrant.

Kummissarju tal-Pulizija informa lill-Magistrat Dottor Aaron Bugeja, li kien imissu t-turn tal-ghassa kriminali, illi kien ircieva rapport minghand il-konjugi Muscat fejn kienu talbuh *"jinvestiga allegazzjonijiet li saru mill-gurnalista Daphne Caruna Galizia fin-newsblog taghha f'artikolu intitolat "Declarations of trust in Pilatus Bank safe: Egrant Inc. shares held for Michelle Muscat.*

*Illi f'dan l-imsemmi artikolu qed jigi allegat illi fil-bank Pilatus ta' Ta' Xbiex, go safe, hemm dokumenti li juru illi l-mara tal-Prim Ministru Michelle Muscat ghandha ishma fi Egrant Inc.*

*Illi f'dan l-imsemmi artikolu qed jigi allegat illi s-Sinjura Michelle Muscat hija l-Ultimate Beneficial Owner ta' Egrant Inc., u li l-Prim Ministru jew membri tal-familja tieghu jew Politically-Exposed Persons ohra (u cioe John Dalli, Keith Schembri u Konrad Mizzi setghu kienu involuti f'xi forma ta' korruzzjoni u/jew hasil ta' flus, u /jew transazzjonijiet finanzjarji suspettati, provenjenti minn kontijiet ta' Politically-Exposed Persons mill-Azerbaijan, u dan tramite l-kontijiet Pilatus."*[2]

iii. Ghaldaqstant il-Kummissarju tal-Pulizija talab lill-Magistrat Dottor Bugeja sabiex jiftah inkjesta *in genere* sabiex dawn l-allegazzjonijiet jigu investigati u jigu ippreservati d-dokumenti migbura. Il-Magistrat Dottor Bugeja qabel li ghandha tinfetah din l-inkjesta – iktar il-quddiem imsejha 'l-inkjesta Egrant'.

iv. Permezz ta' rikors tal-11 ta' Jannar 2018, l-imputat, illum ex-manager tat-Taqsima tal-Analizi fi hdan l-FIAU, ppremetta li huwa kellu informazzjoni li setgha jghaddi lill-Magistrat Inkwirenti fil-kors ta' din l-inkjesta, u talab lill-Magistrat Inkwerenti sabiex jibghat ghalih sabiex jixhed bil-gurament.[3]

v. It-talba tal-imputat giet milqugha u gie msejjah biex jixhed l-ghada t-12 ta' Jannar 2018. Dak in-nhar l-imputat xehed fuq diversi affarijiet li mhux kollha huma rilevanti ghal fini ta' dawn il-proceduri. Huwa xehed *inter alia hekk:*

[2] Ara fol. 1502 tal-inkjesta Egrant.
[3] Ara fol. 1368 *et seq.* tal-inkjesta Egrant.

*"Dak jien kont sibt li kien hemm transfer ta' miljun minn kont ta' Leyla … gie minn barra through Pilatus, as DVA, same day value, 600,000 minnhom ghaddew ghall-kumpanija Buttardi go New York. Il-kumpanija Buttardi hija kumpanija ta' Michelle Muscat u Michelle Buttigieg."*[4]

L-imputat qal li din l-informazzjoni ra fil-compliance report li ghamel l-FIAU fuq il-Bank Pilatus, liema rapport gie a konjizzjoni tieghu fil-kors tad-doveri tieghu bhala ufficjal tal-FAIU.[5] Fil-*proces-verbal*, il-Magistrat Inkwerenti jghid li hadd mir-rapprezentanti tal-FIAU li telghu jixhdu quddiemu dwar din l-allegata transazzjoni bejn Leyla Aliyeva u s-socjeta Buttardi ma kkonferma din l-allegazzjoni u skont l-istess Magistrat Inkwerenti, f'diversi aspetti x-xhieda taghhom tikkontradici dak li stqarr l-imputat.[6]

vi. Din l-inkjesta giet maghluqa fl-20 ta' Lulju 2018, u l-Magistrat Inkwerenti ikkonkluda illi:

*"1. Ma nstabx li 1-ishma fil-kumpanija Egrant Inc kienu jappartjenu lil Michelle Muscat jew li kienu rikonducibbli lilha jew lil zewgha Dr. Joseph Muscat, jew lil membri tal-familja taghhom;*

*2. Ma nstabx li Dr. Joseph Muscat, Michelle Muscat, Keith Schembri, Konrad Mizzi jew John Dalli setghu kienu involuti f'korruzzjoni u/jew hasil ta' flus u/jew tranazzjonijiet finanzjarji suspetti provenjenti minn kontijiet ta' Politically-Exposed Persons mill-Azerbajgan, u dan tramite kontijiet fil-Bank Pilatus u dan kemm skont kif allegat minn Daphne Caruana Galizia fl-artiklu Declarations of trust in Pilatus Bank safe: Egrant Inc shares held for Michelle Muscat tal-20 t' April 2017 fis-7:59pm kif ukoll f'dak pubblikat qabel fl-istess jum minn Daphne Caruana Galizia intitolat US$1.017 million in single transaction from Azerbaijan-owned company to Egrant Inc. fil-4:41pm."*[7]

---

[4] Ara fol. 1379 tal-inkjesta Egrant.
[5] Ara fol. 1378-1381 tal-inkjesta Egrant.
[6] Ara fol. 1383 tal-inkjesta Egrant.
[7] Ara fol. 1451 tal-inkjesta Egrant.

v. Pero l-Magistrat Inkwerenti kien *inter alia* tal-opinjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jinvestiga din l-allegazzjoni maghmula mill-imputat waqt ix-xhieda tieghu u citata iktar il-fuq, stante li mill-provi diretti u dokumentarji migbura fl-inkjesta irrizultalu li hemm *prima facie* gurament falz da parti tal-imputat.[8]

vii. Waqt l-investigazzjonijiet taghha, il-Pulizija analizzat il-working files tal-FIAU fuq il-Pilatus Bank, inkluz il-compliance report, izda ma setghux isibu transfer ta' miljun Euro minn Leyla Aliyev go kont fil-Pilatus Bank, li minn dawn il-flus l-ammont ta' sitt mitt elf Euro (€600,000) gew trasferiti mill-kont ta' Pilatus Bank lis-socjeta Buttardi fi New York, kif kien allega l-imputat waqt ix-xhieda tieghu fl-inkjesta Egrant.[9]

viii. Ghaldaqstant, l-imputat gie mharrek permezz ta' citazzjoni sabiex jidher quddiem din il-Qorti mixli li fit-12 ta' Jannar 2018 halef il-falz quddiem il-Magistrat Inkwerenti fl-inkjesta Egrant dwar investigazzjonijiet u analizi maghmula mill-F.I.A.U.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Dan id-digriet huwa limitat ghat-talba tal-konjugi Muscat li jigu ammessi bhala partijiet offizi f'dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali.

6. Il-Prosekuzzjoni, filwaqt li ddikjarat li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li l-konjugi Muscat jigu ammessi bhala parti offiza f'dawn il-proceduri, irrimettiet ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.[10] Min-naha l-ohra d-difiza qed topponi ghat-talba.

7. Il-konjugi Muscat jissottometu li la darba dawn il-proceduri inbdew wara ordni tal-Magistrat Inkwerenti bhala parti mill-konkluzjonijiet fl-inkjesta Egrant, li giet miftuha wara l-kwerela taghhom tal-20 ta' April 2017, huma ghandhom interess li bhala partijiet offizi, jkunu prezenti matul dawn il-proceduri li qed isiru b'rizultat ta' din l-inkjesta, u dan

---

[8] Ara fol. 1474 tal-inkjesta Egrant.
[9] Ara xhieda tal-Ispettur George Frendo a fol. 29 tal-process u x-xhieda tal-Ispettur Wayne Borg a fol.34 tal-process.
[10] Ara r-risposta tal-Prosekuzzjoni a fol. 16 u fol. 129 tal-process.

ai termini tal-Artikolu 410(4) u (5) tal-Kodici Kriminali.[11] Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konjugi Muscat issottometta li huma *"kjarament ghandhom kull interess li dak kollu li jirrigwarda l-inkjesta as such ikunu partecipi fih biex jekk jistghu, mhux bil-fors, imma jekk jistghu jaghtu kontribut jaghtuh. U jekk hemm xi affarijiet li jikkoncernawhom lilhom ovvjament ikunu f'qaghda li jirribattuhom ukoll."*[12] Huwa issottometta ukoll li huma ghandhom interess li jippartecipaw fil-proceduri ta' kull min b'xi mod ghen biex il-verita ma tohrogx jew ipprova jfixkel li dik il-verita tohrog fl-inkjesta Egrant, li giet miftuha fuq talba taghhom.[13]

8. Is-sottomissjonijiet tad-difiza jistghu jigu sintettizzati hekk:

(i) Ai termini tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali sabiex persuna tidhol bhala parti fi proceduri kriminali trid tkun tikkwalifika parti offiza u ma jkollhix biss merament interess fil-proceduri. Mhux kull min ghandhu interess fil-proceduri kriminali jista' jitqies parti offiza.

(ii) Ir-reat ta' spergur li bih huwa mixli l-imputat huwa wiehed mid-delitti kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u ma jistghax ikun hemm parti offiza fil-kontest ta' tali delitt.

(iii) L-imputat qed jigi mixli ta' spergur fil-kuntest ta' inkjesta Egrant – li kienet inkjesta *in genere*. Il-funzjoni primarja ta' inkjesta *in genere* hija dik li tippreserva l-provi, u inkjesta *in genere* ma tiddeciedix jekk xi persuna hija hatja jew le ta' xi reat kriminali. Ghalhekk il-konjugi Muscat la jistghu jitqiesu li ghandhom interess f'dawn il-proceduri u lanqas li huma partijiet offizi.

(iv) Il-konjugi Muscat ma ressqu l-ebda prova li sofrew xi dannu konsegwenza tal-allegat spergur tal-imputat.

9. Il-Qorti se tibda billi tikkunsidra jekk il-konjugi Muscat jikkwalifikawx bhala partijiet offizi o meno ai termini tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Ghall-ahjar intendiment ta' dan id-digriet, din il-Qorti thoss li huwa opportun li tirriproduci dan l-artikolu fl-intier tieghu.

---

[11] Ara r-risposta tal-konjugi Muscat a fol. 18 tal-process.
[12] Ara fol. 129 tal-process.
[13] Ara fol. 133 tal-process.

*"**410.** (1) Fil-każijiet li fihom l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija Eżekuttiva taġixxi fuq kwerela tal-parti offiża, il-kwerelant jista' jkun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża, jista' jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali, jista jagħmel eżami jew kontro-eżami lix-xhieda u jġib, biex isaħħaħ l-akkuża kull prova oħra li l-qorti jkun jidhrilha li tista' tinġieb skont il-liġi.*

*(2) Meta l-kwerelant għandu jinstama' taħt ġurament, ix-xiehda tiegħu għandha tittieħed qabel dik tax-xhieda l-oħra tal-prosekuzzjoni, barra minn meta, fil-fehma tal-qorti, jinħass il-bżonn wara, f'xi waqt ieħor tal-kawża jew meta dik ix-xiehda tiġi mitluba mill-imputat f'kull waqt li jkun tal-kawża, jew meta l-qorti jidhrilha li hu sewwa li tbiddel l-ordni tal-provi. Il-Pulizija u l-parti offiża jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali.*

*(3) Fil-każijiet ta' proċeduri magħmulin mill-Pulizija ex officio, il-Pulizija u l-parti offiża jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali, illi jista' jagħmel eżami u kontro-eżami lix-xhieda, iġib provi u jagħmel, sabiex isaħħaħ l-akkuża, kull osservazzjoni oħra li l-qorti jidhrilha li tista' ssir skont il-liġi. Il-parti offiża tista' tkun preżenti fil-qorti waqt is-seduti.*

*(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), parti offiża li jkollha interess li tkun preżenti matul proċeduri magħmulin mill-Pulizija jkollha l-jedd li tikkomunika dak l-interess lill-pulizija billi tagħti l-partikolaritajiet tagħha flimkien mal-indirizz fejn tkun toqgħod u malli jsir dan dik il-parti offiża għandha tiġi notifikata b'avviż li jkun fih id-data, il-post u l-ħin tal-ewwel smigħ f'dawk il-proċeduri u jkollha l-jedd li tkun preżenti fil-qorti matul dak is-smigħ u matul kull smigħ ieħor li jiġi wara wkoll jekk tkun xhud.*

*(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), persuna li ma tiġix notifikata bl-avviż imsemmi fis-subartikolu (4) u li tkun qed tippretendi li hi parti offiża tista' titlob lill-Qorti li tiddaħħal fil-proċeduri bħala parti offiża u jekk il-pretensjoni tagħha li hija parti offiża tintlaqa' mill-qorti, minn dak il-waqt 'il quddiem dik il-persuna jkollha l-jedd li tkun preżenti matul kull smigħ li jiġi wara wkoll jekk tkun xhud.*

*(6) Jekk l-avviż tad-data tal-ewwel smigħ ma jiġix notifikat lill-parti offiża wara li jkun sar tentattiv għaldaqshekk, jew jekk għal xi raġuni li tkun parti offiża tonqos milli tidher waqt xi seduta, dan ma għandux jipprekludi lill-qorti milli tipproċedi bis-smigħ tal-każ jew tal-kumpilazzjoni sakemm dawn jiġu konklużi."*

10. L-ewwel tlett subincizi ta' dan l-Artikolu 410 gew introdotti bl-Att VIII tal-1909 u emendati bl-Att VI tal-1930, u marginalment bl-Att XXVIII tal-2021. L-emendi li saru fis-sena 2021 ma jaffettwawx il-meritu tal-kwistjoni odjerna. Is-subincizi (4), (5) u (6) ta' dan l-Artikolu gew introdotti bl-Att III tal-2002.

11. Ghalkemm fit-trattazzjoni, l-avukat difensur issottometta li l-konjugi Muscat qed jaghmlu t-talba taghhom ai termini tas-subincizi 4 u 5 tal-Artikolu 410, mill-atti ma jirrizultax li l-konjugi Muscat ikkomunikaw lill-Pulizija l-interess taghhom li jidhru bhala partijiet offizi f'dawn il-proceduri billi taw lill-pulizija il-partikolaritajiet tagħhom u lanqas ma jirrizulta li l-Pulizija innotifikawhom bhala l-partijiet offizi b'avviż tal-ewwel smigħ f'dawn il-proċeduri ai termini tas-subinciz (4) tal-Artikolu 410.

12. Ghaldaqstant, huwa car li t-talba tal-konjugi Muscat tista' tigi biss ikkunsidrata bhala talba maghmula taht is-subinciz (5) tal-Artikolu 410. Fil-fatt, fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri, u cioe dik tal-11 ta' Novembru 2020, il-konjugi Muscat ipprezentaw nota fejn talbu lill-Qorti tammettihom bhala partijiet offizi – cioe segwew il-procedura kontemplata fis-subinciz (5) tal-Artikolu 410.

13. Kif diga inghad, dan is-subinciz (5) gie introdott bl-Att III tal-2002. Waqt id-diskussjonijiet fil-Kamra tad-Deputati dwar l-abbozz ta' ligi li kien jikkontjeni *inter alia* l-emendi proposti ghal Artikolu 410, il-Ministru Tonio Borg, li kien qed jippilota din l-abbozz, qal hekk:

*"Ghall-ewwel darba l-vittma tar-reat, minkejja li tkun xhud tal-prosekuzzjoni, se tkun tista' tkun preżenti matul il-proċeduri kriminali kollha. … …*

*Hawnhekk ma rridux nikkumplikaw l-affarijiet iż-żejjed għall-pulizija u allura qegħdin ngħidu li mhux se nagħmlu definizzjoni ta' injured party imma se nħalluh kif inhu llum. Illum jeżisti l-konċett ta' injured party fil-Kodiċi Kriminali pero' m'hemmx definizzjoni tiegħu u se ngħidu li l-qorti tapplika dik id-definizzjoni ta' x'inhu injured party. Huwa*

*ovvju li min jinsteraqlu xi ħaġa jew min jaqla' daqqa ta' ponn ikun injured party u jkollu d-dritt li jgħid li serquh. … …*

*Mr Chairman, hawnhekk m'aħniex nagħtu definizzjoni ta' l-injured party għaliex din diġa` teżisti bħala kunċett fil-Kodiċi Kriminali u se nħalluha fid-diskrezzjoni tal-qorti biex tiddeċiedi hi. … …*

*Pero` d-drafting innifsu ma sarx abbażi ta' xi mudell partikolari, għalkemm dan jeżisti f'ġurisdizzjonijiet oħrajn li jgħidu li x-xhud għandu ikollu d-dritt li joqgħod hemmhekk."*[14] (sottolinear ta' din il-Qorti).

14. Minn dan id-diskors, jemergu zewg fatti. L-ewwelnett li l-emendi li saru fl-2002 ghall-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali ma sarux abbazi ta' xi mudell partikolari ta' xi ligi barranija, imma huma prodott tal-legislatur Malti. Fit-tieni lok li l-legislatur konxjament ma riedx jaghti definizzjoni tal-kuncett tal-'parti offiza' (jew *'injured party'* fit-test Ingliz), izda ried li dan il-kuncett jibqa' kif kien qed jigi sa dak in-nhar interpretat mill-Qrati, u fi kwalunkwe kaz, l-interpetazzjoni ta' dak il-kuncett tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

15. Effettivament qabel l-emendi tal-2002, parti offiza diga kellha d-dritt li tippartecipa fil-proceduri tramite l-avukat difensur taghha ai termini tal-ewwel tlett subincizi tal-Artikolu 410. L-emendi tal-2002 taw id-dritt addizzjonali lill-parti offiza tkun prezenti in awla matul il-proceduri kriminali kollha.

16. Ghalkemm din il-Qorti fittxet estensivament ghal xi digriet jew sentenza moghtija mill-Qrati taghna li fiha gie definit il-kuncett ta' 'parti offiza', kemm qabel kif ukoll wara l-emendi tal-2002, din it-tfittxija irrizultat fin-negattiv.

17. In oltre, kif inhu risaput, fil-proceduri kriminali fejn il-Prosekuzzjoni titmexxa mill-Pulizija *ex officio*, il-parti offiza li tigi ammessa bhala parti fil-proceduri kriminali hija hafna drabi imsejha wkoll fil-prattika bhala l-'parti civili', ghalkemm il-Kodici Kriminali imkien ma jsemmi it-terminu 'parti civili'. Fid-dritt penali Taljan, il-kuncent tal-parti civili

---

[14] Ara Laqgha Numru 115 tal-Kumitat Permanenti ghall-Konsiderazzjoni tal-Abbozzi tal-Ligijiet mizmuma fis-27 ta' Novembru 2001.

huwa ben distint minn dak tal-parti offiza, fejn iz-zewg kuncetti huma trattati diversament mill-Kodici ta' Procedura Penali Taljan.[15] Pero, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol f'din id-distinzjoni ghal fini ta' dan id-digriet, stante li l-Kodici Kriminali Malti jitkellem biss fuq il-parti offiza, u mhux fuq il-parti civili.

18. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Cauchi** deciza fis-16 ta' Mejju 1997 – u ghalhekk qabel l-emendi introdotti fl-2002 - il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[16] irriteniet hekk b'riferenza ghall-Artikolu 410(3) tal-Kodici Kriminali:

*"Huwa a bazi ta' din id-disposizzjoni li wiehed komunement jitkellem fuq il-"parti civili" f'kawzi kriminali fejn il-prosekuzzjoni tkun qed titmexxa mill-pulizija. ... ... Din id-disposizzjoni sempliciment taghti d-dritt lil terza persuna li ma hijiex parti fil-proceduri li taghmel, permezz tal-avukat jew prokuratur legali li tqabbad, dak li jistghu jaghmlu l-partijiet fil-kawza, purche li dik it-terza persuna tkun tikkwalifika bhala parti leza (jew parti offiza, 'injured party' fit-test ingliz a differenza ta' 'complainant' fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 410)."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

19. Ghaldaqstant, huwa car li minkejja li fil-gergo legali ta' kuljum, hafna drabi issir riferenza ghall-"parti civili" fil-kuntest tal-Artikolu 410, fil-verita dan fl-ahjar ipotesi mhux legalment preciz, u r-riferenza ghandha tkun ghall-parti offiza – it-terminu li juza l-legislatur – sabiex terza persuna tikkwalifika biex tkun parti fil-proceduri, jew li tippartecipa fihom tramite l-legali taghha, ai termini tal-istess Artikolu 410.

20. Il-qofol tal-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa precizament min ghandu jikkwalifika bhala l-parti offiza ghall-finijiet tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Wara li qrat u analizzat diversi awturi in materia, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-iktar

[15] Ara **Francesco Antolisei: Manuale di Diritto Privato (Parte Generale)** sittax-il edizioni, Giuffre 2003 pagna 848: *"Deriva a quanto si e detto che la figura del danneggiato civilmente non coincide con quella del soggetto passivo del reato. Costui non e dannegiato civilmente se non ha subito un danno risarcibile, mentre i congiunti dell'ucciso sono dannegiati civilmente, pur non essendo possgetto passive del reato che e stato commesso."* Fid-dritt procedurali penali Taljan il-parti civile hija l-persuna danneggata bir-reat li tiddeciedi li tezercita fil-process kriminali, l-azzjoni civili spettanti lilha sabiex tottjeni r-risarciment tad-dannu li tkun soffriet. Din il-procedura specjali hija regolata b'mod dettaljat fil-Kodici ta' Procedura Penali Taljan. Din il-procedura hija aljena ghal procedura penali Maltija, ghalkemm irid jinghad li bl-Att XVI tal-2006 il-Qorti inghatat is-setgha li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-hati jhallas id-danni materjali li jkun ikkaguna (ara Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali) u f'certi kazijiet anke ghal danni morali (ara Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali introdott bl-Att XIII tal-2018).

[16] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

spjegazzjoni cara, u konformi mal-hsieb ta' din il-Qorti, hija dik li jaghti l-awtur **Francesco Antolisei** fl-opera tieghu **Manuale di Diritto Penale**:

*"72. Il soggetto passivo del reato – Per soggetto passivo si intenda la persona offesa dal reato (art. 120 e segg. c.p.): in altre parole, la vittima del reato.*

*L'accertamento di tale soggetto, che ha notevole importanza ai fini di vari istituti, non sempre e agevole, perche spesso i fatti delittuosi recano danno a piu persone. Per esempio, un furto oltre al possessore della cosa rubata, puo pregiudicare un creditore dello stesso; un omicidio puo produrre danni (e d'ordinario reca) ai parenti dell'ucciso. … …*

*Per giungere ad una nozione esatta bisogna seguire, invece, un'altra via; accertare l'interesse che e il vero soggetto della tutela giuridica. Vi sono infatti, interessi che solo eventualmente sono pregiudicati dall'azione delittuosa, ma ve ne e un che* <u>*deve*</u> *essere offeso, perche il reato sussista. … … Il vero oggetto della tutela penale e l'interesse che e legato* <u>*in maniera indissolubile*</u> *con la nozione del reato.*

*Individuato tale interesse, e indivuato il soggetto passivo, il quale e titolare dell'interesse medesimo. Il soggetto passive, pertanto, puo definirsi:* <u>*il titolare dell'interesse la cui offesa costituisce l'essenza del reato*</u>*. Data questa nozione, appare ovvio – per riferirci agli esempli sopra prospettati – come nel furto non possa considerarsi soggetto passivo l'eventuale creditore del derubato, mentre nell'omicidio soggetto passivo e soltanto l'ucciso e non i conguinti dello stesso, i quali possono anche mancare.*

*Soggetto passivo puo essere l'individuo … …; puo essere altresi un ente giuridico, a cominciare dallo Stato, il quale e soggetto passivo di tutti i reati che offendono i suoi interessi specifici: delitti contra la personalita dello Stato, contra la pubblica Amministrazione, contro l'Amministrazione delle Giustizia.*

*In un reato vi possono essere piu soggetti passivi … … Ma una molteplicita di soggetti passivi si verifica nei reati che ledono o pongono in pericolo non un solo bene, ma piu beni diversi (reati ai quali, a nostro aviso, si confa la denominazione di* <u>*plurioffensivi*</u>*), allorche i detti beni appartengano a persone distinte. Cio si verifica, ad es., nella calunnia (art.368), la quale, mentre offende lo Stato nel suo interesse alla regolare amministrazione*

*della Giustizia, lede anche, per necessita di cose, la persona falsamente incolpata … …"*[17] (enfasi tal-awtur).

21. Illum il-gurnata, il-kuncett tal-parti offiza irid ukoll jigi interpretat fid-dawl tad-definizzjoni ta' 'vittma' moghtija fl-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalita 2015 (Kapitolu 539 tal-Ligijiet ta' Malta), li ittraspona d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 fl-ordinament legali Malti, u dan sabiex safejn hu possibbli, tinghata interpretazzjoni olistika tal-kuncett ta' parti offiza u d-definizzjoni ta' 'vittma' fil-Kapitolu 539. Dan ghaliex persuna li tikkwalifika bhala 'vittma' taht dan il-Kapitolu, ghandu wkoll *inter alia* d-dritt taht l-istess Kapitolu, li bhala l-persuna li garrbet il-hsara, tigi notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ tal-proceduri kriminali jew ikollha l-istatus ta' parti fil-proċedimenti kif previst fl-artikolu 410(4) u (5) tal-Kodici Kriminali.[18]

22. L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 539 jghid hekk:

*""vittma" tfisser:*

*(a) persuna fiżika li ġarrbet ħsara, inkluż dannu fiżiku, mentali jew emozzjonali jew telf finanzjarju, li kien direttament ikkawżat minn reat kriminali inkluż ħsara minn attivitajiet terroristiċi;*

*(b)membru tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali u li jkun sofra ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna.*

*(ċ) minuri li jkunu xhieda ta' forom ta' vjolenza."*

23. Kjarament, ghal finijiet ta' dan id-digriet huwa l-paragrafu "a" ta' din id-definizzjoni li huwa rilevanti *"persuna fizika li garrbet hsara."* M'hemmx dubbju li din id-definizzjoni certament hija iktar ristretta mill-kuncett ta' parti offiza fil-Kodici Kriminali, stante li hija biss persuna fizika – a distinzjoni ta' enti guridika jew persuna legali – li tista' titqies bhala vittma ta' reat ghal finijiet ta' dan l-artikolu. Pero, din il-limitazzjoni mhix rilevanti ghall-

[17] **Manuale di Diritto Privato (Parte Generale)** sittax-il edizioni, Giuffre 2003 pagni 187 -189.
[18] Ara t-tieni proviso tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 539 tal-Ligijiet ta' Malta.

finijiet tal-kaz odjern, stante li fil-kaz odjern, il-persuni li qed jitolbu biex jigu ammessi bhala partijiet offizi huma persuni fizici u mhux legali.

24. Sabiex titqies bhala vittma ai termini tal-Kapitolu 539, huwa necessarju wkoll li l-persuna fizika tkun *"garrbet hsara"* inkluz dannu fiziku, mentali, emozzjonali jew telf finanzjarju, kawza diretta tar-reat. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-effett prattiku ta' din id-definizzjoni ta' "vittma" safejn tikkoncerna persuna fizika, huwa identiku ghall-effett prattiku tal-kuncett tal-parti offiza, ghax filwaqt li persuna li tippretendi li tkun vittma ai termini tal-Kapitolu 539 trid tipprova li *"garrbet hsara"*, persuna li tippretendi li hi parti offiza ai termini tal-Kodici Kriminali trid tipprova li gie lez xi interess taghha tutelat bil-ligi li tistabbilixxi r-reat. Din il-Qorti ma tistax logikament tara kif il-persuna li tkun garrbet hsara konsegwenza tar-reat u l-persuna li l-interess legalment tutelat taghha jkun gie lez konsegwenza tal-istess reat jistghu ikunu zewg persuni differenti minn xulxin.

25. Konsegwentement, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti ikun sempliciment sofizmu li wiehed jipprova jiddistingwi bejn id-definizzjoni ta' "vittma" fil-Kapitolu 539 u l-kuncett ta' parti offiza. Fil-fatt, **Antolisei** stess, fil-parti fuq citata, jibda biex jghid li *"Per soggetto passivo si intende la persona offesa dal reato ... ... in altre parole, la vittma del reato."* Vittma tista' tkun biss persuna li soffriet xi forma ta' offiza jew lezjoni konsegwenza diretta tar-reat.

26. Il-Qorti issa trid tapplika dawn il-principji legali ghal kaz odjern. L-imputat jinsab mixli li halef il-falz quddiem il-Magistrat Inkwerenti fl-inkjesta Egrant dwar investigazzjonijiet u analizi maghmula mill-F.I.A.U. Id-delitt in kwistjoni huwa kontemplat fl-Artikolu 108(1) tal-Kodici Kriminali, u jigi kommess minn kull min, f'kaz iehor mhux imsemmi fl-Artikoli precedenti *"jahlef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha jaghti l-gurament."* Il-kazijiet imsemmijin f'dawk l-artikoli precedenti jikkonsisti f'dikjarazzjonijiet guramentati foloz maghmula minn xhieda, partijiet akkuzati jew periti f'kawza civili jew kriminali. Ix-xhieda in kwistjoni tal-imputat ma gietx moghtija f'kawza civili jew kriminali, izda giet moghtija f'inkjesta *in genere* – maghrufa bhala l-Inkjesta Egrant.

27. Huwa opportun li f'dan l-istadju jigi analizzat l-iskop tal-inkjesta *in genere* u r-rwol tal-Magistrat Inkwerenti. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Jason Calleja** deciza fit- 3 ta' Lulju

1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet li l-Magistrat Inkwerenti ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja u lanqas ghandu l-funzjoni ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-Magistrat Inkwerenti fil-kors ta' l-inkjesti jagixxi bhala magistrat *ut sic.* Il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid hekk:

*"Certament huwa persuna intiza mill-Ligi stess bhala ta' importanza fondamentali fil-process tar-ricerka ghall-verita, izda l-Magisrat Inkwirenti m'ghandux il-funzjoni li jistabilixxi l-htija jew l-innocenza ta' xi persuna, indizzjata jew mhijiex … …*

*In linea generali, il-Magistrat Inkwerenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess titolu jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi l-proces verbal, li l-Ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita u jikkonsisti principalment fil-gbir u l-preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha diretti u indiretti, li l-Magistrat jirnexxielu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. … …*

*… … Hi certament il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga okkorrendo permezz ta' esperti, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx ir-reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja u inqas ta' Gudikatura."*

28. Dan ir-reat ta' gurament falz li bih hu mixli l-imputat huwa wiehed mir-reati kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u konsegwentement il-parti offiza principali dejjem gie konsidrat li kien l-istat. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmelo Zammit** deciza fl-14 ta' Marzu 1949 – li incidentalment kienet ukoll tittratta minn testimonjanza falza quddiem magistrat inkwerenti waqt inkjesta *in genere* - il-Qorti Kriminali[19] irriteniet hekk:

*"Gie rilevat mid-difiza li bid-dikjarazzjoni tieghu l-imputat ma ghamilx hsara.*

[19] *Per* Imhallef William Harding.

*Ghal dina l-oggezzjoni jigi osservat mill-Qorti illi ghalkemm biex il-falz, bin-negazzjoni tal-veru jew bir-reticenza, jista' jigi imputat bhala delitt hemm bzonn id-dannu, b'din il-kelma "dannu" wiehed ma ghandux jifhem id-dannu privat, imma l-offiza ghad-dritt pubbliku, konsistenti fid-disprezz tal-gustizzja, dimostrat u kommess minn min jixhed il-falz (ara Innamorati, "Sui delitti contra l'amministrazione della giustiza"). Ix-xhieda falza, kif josserva opportunament il-Crivellari, "comprende in se medesima l'estremo del danno" (Cod. Penale Interpet. art. 214). U l-Lucchini, fil-monografija "Del criterio per determinare la pena del falso testimonio nel giudizio penale" (Revista Penale Vol. X pag. 194), jghid gudizzjozament illi "il soggetto passivo del reato di falsa testimonianza non e l'accusato, non e la societa considerata nelle sue esigenze di repressione del delinquente, ma la societa in quanto e attaccata nel suo diritto di amministrare giustizia, nelle sua fede pubblica giudiziaria."*

29. Pero kif sewwa jirrileva **Antolisei** jista' jkun hemm plurita ta' suggetti passivi ossia partijiet offizi stante li reat wiehed jista' jilledi jew tal-inqas jipperikola iktar minn interess wiehed li jkun tutelat mil-ligi. Ghalkemm id-dottrina mhux dejjem hija konkordi, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-fatt li r-reat kontemplat fl-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali huwa reat kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma jfissirx b'mod awtomatiku li n-norma kontenuta fl-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali ma tittutelx ukoll b'mod sekondarju l-interess ta' persuna privata li jigi lez bil-gurament falz, - per ezempju ghax jittiehdu passi kriminali kontriha konsegwenza tal-gurament falz - u f'tali eventwalita din il-persuna tkun tikkwalifika bhala parti offiza, appuntu ghax sofriet pregudizzju jew hsara kawza ta' dak il-gurament falz. Fil-fatt, kif fuq inghad, **Antolisei** huwa tal-istess opinjoni fil-kaz tar-reat ta' kalunnja, li huwa wkoll reat kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

30. Fil-kaz odjern, il-konjugi Muscat qed jippretendu li huma jikkwalifikaw bhala partijiet offizi f'dawn il-proceduri ghax dawn il-proceduri kriminali gew istitwiti kontra l-imputat fuq ordni tal-Magistrat Inkwerent li mexxa l-inkjesta Egrant, liema inkjesta infethet konsegwenza ta' kwerela li huma ghamlu lill-Pulizija, u ghalhekk huma ghandhom interess li jippartecipaw f'dak kollu li jirrigwarda l-inkjesta, sabiex jekk jistghu jaghtu kontribut jaghtuh. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni bla kwalifiki (ossia *blanket statement*) tal-konjugi Muscat. Meta magistrat ikun qed imexxi inkjesta *in genere* – anke jekk din tkun bdiet fuq kwerela ta' xi persuna partikolari – l-magistrat huwa

obbligat li jivestiga u jippreserva l-provi mhux biss tar-reat li originarjament ikun gie allegat li gie kommess mill-kwerelanti, imma jekk waqt l-investigazzjoni jirrizultalu li jista' jkun gie kommess reat iehor li m'ghandu x'jaqsam xejn mar-reat originali li beda jinvestiga, huwa obbligat li jinvestiga u jippreserva wkoll l-provi fil-konfront ta' dan it-tieni reat. Ghalhekk jekk per ezempju waqt it-tfittxija fl-ufficini tal-Bank Pilatus, il-Magistrat Inkwerenti sab borza ta' hagar prezzjuz mohbija li aktarx kienet gejja minn serq allura kien ikun id-dover tieghu li jippreserva wkoll il-provi fir-rigward ta' din is-sejba tal-hagar prezzjuz, minkejja l-fatt li r-reat ta' serq ta' dan il-hagar prezzjuz m'ghandu x'jaqsam xejn mal-lanjanzi fil-kwerela tal-konjugi Muscat. F'tali ipotesi, jekk eventwalment jittiehdu proceduri kriminali kontra terzi persuni fir-rigward tas-serqa tal-hagar prezzjuz, certament ma jistghax jinghad li l-konjugi Muscat ghandu jkollhom il-*locus standi* tal-partijiet offiza f'tali proceduri kriminali, imma hija l-persuna derubata li kien ikollha l-*locus standi* ta' parti offiza f'dawk il-proceduri kontra t-terzi persuni. Konsegwentement, huwa car li l-fatt wahdu li l-inkjesta Egrant infethet fuq talba tal-konjugi Muscat mhux sufficjenti sabiex jista' jinghad li huma ghandhom jikkwalifikaw bhala partijiet offizi f'kull proceduri kriminali naxxenti mill-provi preservati f'din l-inkjesta.

31. Il-konjugi Muscat issottomettew ukoll li huma ghandhom interess li jippartecipaw fil-proceduri ta' kull min ghen biex il-verita ma tohrogx waqt il-gbir tal-provi fl-inkjesta Egrant, jew ipprova jfixkel li dik il-verita tohrog fl-inkjesta. Kif gie rilevat fis-sentenza fuq citata **Il-Pulizija vs Carmelo Zammit**, ir-reat ta' gurament falz jikkostitwixxi offiza ghad-dritt pubbliku, u bl-istess argument, is-socjeta kollha Maltija ghandha interess f'dawn il-proceduri, stante li jekk ghall-grazzja tal-argument biss l-imputat jinsab hati ta' gurament falz, ikun gie attakkat id-dritt tas-socjeta Maltija li tamministra l-gustizzja. Pero dan certament ma jfissirx li kull membru tas-socjeta Maltija jista' jitlob lil din il-Qorti sabiex ikun parti f'dawn il-proceduri bhala parti offiza. F'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni tal-konjugi Muscat mhix differenti minn dik tal-bqija tal-membri tas-socjeta Maltija, u konsegwentement anke din is-sottomissjoni taghhom hija legalment infondata.

32. Kif qal **Antolisei** fuq citat, sabiex il-konjugi Muscat jikkwalifkaw bhala partijiet offizi ghal fini ta' dawn il-proceduri, huma jridu juru lil din il-Qorti mhux biss li ghandhom interess f'dawn il-proceduri izda wkoll li dak li allega fix-xhieda tieghu l-imputat rigward it-transazzjoni li saret lis-socjeta Buttardi – jekk ghall-grazzja tal-argument biss huwa falz –

ikkagunalhom xi forma ta' hsara jew pregudizzju. Dan huwa dak li precizament naqsu li juru jew tal-inqas jispjegaw il-konjugi Muscat f'dawn il-proceduri. Huma ma ghamlu l-ebda allegazzjoni, wisq inqas urew lil din il-Qorti li dak li xehed l-imputat fir-rigward tas-socjeta Buttardi – *dato ma non concesso* f'dan l-istadju li huwa falz - ikkagunalhom xi lezjoni tal-interessi taghhom tutelati mil-ligi, jew almenu li kellu l-potenzjalita li jikkagunalhom tali lezjoni.

33. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konjugi Muscat issottometta li l-ligi stess titkellem fuq "interess" stante li l-Artikolu 410(4) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"... .... parti offiża li jkollha interess li tkun preżenti matul proċeduri magħmulin mill-Pulizija jkollha l-jedd ... ..."*[20] Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li mid-dicitura tal-ligi huwa car li hija biss "parti offiza" li ghandha dan il-jedd. Kieku ma kienx hekk, il-legislatur kien jghid *"parti li jkollha interess ... ..."* Kif diga intqal persuna tikkwalifika li hi parti offiza jekk tkun soffriet xi forma ta' hsara kawza diretta tar-reat. Il-ligi tghid *"parti offiza li jkollha interess tkun prezenti matul proceduri maghmulin mill-Pulizija"* ghas-semplici raguni li jigri ta' sekwit li parti offiza ghal xi raguni jew ohra ma jkollhix interess li tkun prezenti matul il-proceduri kriminali, ghax per ezempju tkun hafret lill-imputat ghall-offiza li sofriet, jew ghax tkun diga thallset tad-dannu li sofriet kawza tar-reat, qabel ma jinbdew il-proceduri kriminali. Ghaldaqstant, certament ma jistghax jinghad li kull parti offiza necessarjament dejjem ikollha interess tkun prezenti matul il-proceduri. Konsegwentement, din is-sottomissjoni tal-konjugi Muscat hija legalment infondata.

34. Kif diga inghad, il-konjugi Muscat bl-ebda mod ma spjegaw lil din il-Qorti kif ix-xhieda tal-imputat – jekk ghall-grazzja tal-argument biss kienet falza – setghet b'xi mod timplikahom jew b'xi mod iehor taghmlilhom xi forma ta' hsara. Kif diga inghad, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konjugi Muscat issottometta li huma *"kjarament ghandhom kull interess li dak kollu li jirrigwarda l-inkjesta as such ikunu partecipi fih biex jekk jistghu, mhux bil-fors, imma jekk jistghu jaghtu kontribut jaghtuh. U jekk hemm xi affarijiet li jikkoncernawhom lilhom ovvjament ikunu f'qaghda li jirribattuhom ukoll."*[21] (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan il-kliem jista' jfisser biss li l-konjugi Muscat lanqas m'huma certi li l-meritu ta' dawn il-proceduri jinkludi kwistjonijiet li jikkoncernaw lilhom, u allura wisq inqas huma certi li jinkludi kwistjonijiet li ikkagunawlhom, jew tal-

[20] Ara fol. 132 tal-process.
[21] Ara fol. 129 tal-process.

inqas setghu ikkagunawlhom, hsara. La darba l-konjugi Muscat naqsu li juru lil din il-Qorti kif ix-xhieda tal-imputat fl-inkjesta Egrant – jekk ghall-argument biss hija falza - gie lez xi interess taghhom tutelat bil-ligi, huma ma jistghux jigu ikkonsidrati bhala partijiet offizi ghal finijiet kollha ta' dawn il-proceduri kriminali.

35. In vista tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti m'hix se tinoltra ruhha fis-sottomissjonijiet l-ohra maghmula mid-difiza – li ma gewx indirizzati f'dawn il-konsiderazzjonijiet - ghalfejn il-konjugi Muscat m'ghandhomx jigu ammessi bhala partijiet offizi f'dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

36. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tichad it-talba ta' Dottor Joseph Muscat u ta' Michelle Muscat fin-nota taghhom tal-11 ta' Novembru 2020 sabiex jigu ammessi bhala partijiet offizi f'dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 410(5) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

37. Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**